MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 923/1986/1

**Mario Spiteri f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-Hotel Carolina**

**Vs**

**Joseph V. Farrugia u Charles V. Farrugia bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta` Carmelo Farrugia Melfar Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur ordna zewg lifts tal-marka OTIS minghand il-konvenuti *nomine* bil-prezz ta' disat elef u mitt

lira Maltin (Lm9100) skond ftehim datat 18 ta' Frar 1986 (Dok. A), li minnhom thallsu zewg akkonti ta' Lm7000 u Lm1150, cioe` thallset is-somma ta' Lm8150;

Premess illi l-istallazzjoni taz-zewg lifts kellha tibda fi zmien gimgha mill-wasla taghhom f'Malta, u tintemm fi zmien minn tmienja sa ghaxar (8/10) gimghat ta' xoghol (Dok. B);

Premess illi l-lifts waslu Malta minn Spanja bil-vapur "Neptune Sun" fil-5 ta' Gunju 1986;

Premess illi x-xoghol ta' istallazzjoni ma tlestiex fil-hin skond il-ftehim;

Premess illi l-attur sofra u ghad irid isofri danni minhabba dan in-nuqqas tal-konvenuti *nomine*;

Premess illi l-konvenuti, minkejja li gew interpellati b'ittra privata tal-31 ta' Mejju 1986 u b'ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju 1986 dwar dan id-dewmien, baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi x-xoghol li kellu jitlesta mill-konvenuti *nomine* skond il-kuntratt u skond l-obbligi assunti minnhom, fil-fatt ma tlestiex fil-hin, u dana b'responsabilita` tal-konvenuti *nomine*;

2. Tordna lill-istess konvenuti *nomine* jlestu x-xoghol minnufih a sodisfazzjon ta' l-attur, f'terminu qasir u perentorju li jigi ffissat;

3. Tordna illi, fin-nuqqas l-attur ikun awtorizzat mill-Qorti jaghmel ix-xoghol li fadal permezz ta' socjeta` ohra a spejjez tal-konvenuti *nomine*, taht id-direzzjoni ta' espert tekniku li jigi nominat mill-Qorti;

4. Tillikwida d-danni gja sofferti u li qeghdin jigu sofferti mill-attur minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti *nomine*;

5. Tikkundanna lill-istess konvenuti *nomine* jhallsu dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra privata tal-31 ta' Mejju 1986 u ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju 1986, u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment;

Bl-imghax legali mit-22 ta' April 1986 (data tal-pagament akkont) jew data verjuri, fuq is-somma ta' Lm8150 mhallsa mill-attur lill-konvenuti *nomine* inutilment; u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza kwantu ghall-ammont ta' danni likwidati;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* illi fiha huma eccepew:-

1. Illi l-kuntratt li bih gew ordnati l-lifts in kwistjoni huwa dak datat 3 ta' April 1985, u mhux xi ftehim tat-18 ta' Frar 1986 kif allegat fil-premessi tac-citazzjoni;

2. Illi l-attur kien moruz fil-hlas tal-pagamenti kkontemplati fl-imsemmi kuntratt ta' appalt tal-lifts u ghalhekk il-konsenja taghhom giet posposta. Meta fi Frar 1986, l-attur kien fi grad li jeffettwa l-pagamenti kontemplati, sar ftehim fejn il-partijiet qablu f'revizjoni ta' prezz u modalita` ta' pagament;

3. Illi l-konvenuti qatt ma obbligaw ruhhom li jlestu l-lifts f'xi zmien determinat. Dan jirrizulta mid-Dokument B esebit mill-attur fejn il-konvenuti *nomine* jiddikjara li sejrin jaghmlu l-ghalmu taghhom sabiex ilestu x-xoghol sa certu zmien;

4. Minghajr pregudizzju, l-installazzjoni ma saritx fi zmien previst minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur, li l-ewwel

ittardja fil-pagamenti dovuti, imbaghad wara fixkel ix-xoghol u l-hidma ta' l-impjegati tal-konvenuti *nomine*;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *nomine*;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* illi fiha huma ppremettew:-

Illi kontestwalment ma' din ic-citazzjoni l-attur ipprezenta Mandat ta' Sekwestru kontra l-esponenti *nomine*, Mandat numru 1787/86, ghall-kawtela tas-somma minnu determinata ta' tlett elef lira (Lm3000) in linea ta' danni li ghad iridu jigu determinati minn din il-Qorti;

Illi kif gja premess fid-dikjarazzjoni l-attur m'ghandu ebda raguni legali biex jiggustifika t-talbiet tieghu fic-citazzjoni li fuqhom huwa bazat il-mandat, stante li l-esponenti mhumiex responsabbli ghall-ebda danni li setgha sofra l-attur;

Illi minhabba l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru, mahrug mill-attur kontra l-esponenti, l-esponenti *nomine* garbu hsarat ingenti kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talbu ghalhekk il-konvenuti *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-Mandat ta' Sekwestru numru 1787/86, mahrug mill-attur kontra l-konvenuti *nomine* mhuwiex gustifikat la fih innifsu u lanqas fl-ammont sekwestrat;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti *nomine* bhala konsegwenza ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru;

3. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti *nomine* dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti *nomine* akkompanjanti l-kontro-talba taghhom u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Jannar 1997 li permezz tieghu giet nominat Dr. Richard Galea bhala perit legali biex ifittex u jirrelata fuq it-talbiet attrici li ghamlu l-partijiet wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet relattivi u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Jannar 1991 li permezz tieghu l-imsemmi perit legali gie ezonerat mill-inkarigu lilu moghti u gie nominat l-Assistant Gudizzjarju Dr. Tony Degaetano; kif ukoll dak ta’ l-4 ta’ Novembru 1991 fejn gie nominat bhala perit legali Dr. Mark Chetcuti ukoll in sostituzzjoni ta’ l-imsemmi Dr. Tony Degaetano;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit legali Dr. Mark Chetcuti li tinsab a fol. 109 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-13 ta’ Mejju 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-azzjoni promossa mill-attur hi wahda ta' reklam ghad-danni minhabba dewmien da parte tas-socjeta` konvenuta fl-ezekuzzjoni ta' l-installazzjoni ta' zewg lifts tal-marka OTIS fil-lukanda ta' l-attur;

Is-socjeta` konvenuta opponiet ruhha ghal din il-pretensjoni attrici billi affermat illi ma kienetx marbuta li tlesti x-xoghol ta' installazzjoni f'xi zmien determinat, u inoltre r-ritard hu dovut ghal ragunijiet imputabbli lill-attur.

L-istess socjeta` konvenuta ressqet ukoll kontro-talba ghad-danni minnha allegatament sofferti minhabba l-hrug ingustifikat mill-attur ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront taghha;

Il-ftehim li fuqu hi impernjata din il-kawza hu dak kontenut fid-dokument esebit a fol. 47 tal-process datat 3 ta' April 1985 sottoskritt fil-25 ta' April 1985 (fol. 54);

Minhabba ragunijiet ta' nuqqas ta' finanzjament minn naha ta' l-attur ix-xoghol prevvist f'dan il-ftehim kellu jigi pospost ghal diversi xhur. Wara ri-avvicinament bejn il-partijiet intlahaq qbil li l-lifts jigu nstallati, b'dan li s-somma originarjament pattwita kellha tawmenta. Dan kif jirrizulta mil-ittra tas-socjeta` konvenuta datata 18 ta' Frar 1986 (fol. 5);

Wara li s-socjeta` konvenuta kkonfermat li kienet irceviet il-hlas akkont stipulat fl-ahhar ittra imsemmija hi kitbet lill-attur fit-22 ta' April 1986 (fol. 6) fejn gharrfitu ili ser taghmel l-isforzi taghha biex taghti prijorita` fuq xoghlijiet ohra lill-ordni pjazzata mill-attur. Dan fis-sens illi kellha tibda l-installazzjoni fi zmien gimgha mil-wasla tal-lifts mill-esteru u tikkompleta x-xoghol fi zmien ta' bejn tmienja u ghaxar gimghat skond kif kien akkordat fil-ftehim originali;

Jirrizulta, ghallanqas mix-xhieda ta' l-attur (fol. 41) illi l-lifts waslu Malta fuq il-vapur m.v. Neptune fil-5 ta' Gunju 1986. Cionostante, ix-xoghol dwarhom ma giex kompletat fiz-zmien miftiehem jew imwieghed mis-socjeta` konvenuta;

Il-kontendenti jattribwixxu tortijiet lil xulxin ghal dan in-nuqqas. L-attur jghid li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex haddiema sufficjenti biex ihaffu u jlestu x-xoghol. Minn naha tas-socjeta` konvenuta din tallega li c-cheque tad-depozitu ma ssarrafx. Din baqghet biss, pero`, allegazzjoni ghax in effetti s-socjeta` konvenuta ma pproduciet l-ebda provi, la f'dan ir-rigward u lanqas dwar kull prova ohra biex issostni l-linja difensjonali taghha jew il-kontro-talba;

Dak li hu cert hu li l-ezekuzzjoni tax-xoghol da parte tas-socjeta` konvenuta hadet iz-zmien ghat-tkomplija taghha u biex il-lifts jigu certifikati idonei ghal dik li hi sikurezza fl-uzu taghhom;

F'dan il-kuntest ghalhekk jista' jinghad li l-attur ghamel il-prova inkombenti fuqu tad-dewmien. Fuq dan l-aspett il-Qorti hi konkordi mas-sottomissjoni tal-perit gudizzjarju fir-relazzjoni tieghu (fol. 109);

Ghall-materja bhal din in ezami jircievi applikabilita` dak dispost fl-Artikolu 1130 tal-Kodici Civili:

(1) "Jekk l-obbligazzjoni tkun li wiehed ghandu jaghti jew jaghmel, u fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien, id-debitur jigi mqieghed in mora bl-gheluq biss ta' dak iz-zmien ..."

(2) "Jekk fil-ftehim ma jkunx gie stabbilit ebda zmien, jew jekk iz-zmien ikun jaghlaq wara l-mewt tad-debitur, id-debitur jew il-werriet tieghu ma jigux imqeghed 'in mora' hlief wara li jigi msejjah b'att gudizzjarju.";

Ma jidherx li ghandu jkun dubitat illi "*il termine, anche quando non e` essenziale per la natura del contratto e` pur sempre una delle condizioni piu` importanti nella formazione del vincolo contrattuale*" ("**Andrea Scicluna -vs- Giorgio J. Turnbull noe**", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar 1921;

Dan hu hekk anke fl-ipotesi kontemplata fis-subinciz (2) ta' l-artikolu fuq espress. Naturalment hemmhekk "*e` necessaria la costituzione in mora delle obbligazioni senza termine perche` prima di tale costituzione il debitore puo sperare nella tolleranza del suo creditore e credere che non gli prema l'adempimento immediato della obbligazione*" ("**Negoziante Giuseppe di R. Wismayer -vs- Salvatore Grech**", Appell Kummercjali, 13 ta' April 1921; "**Egbert Evans Zimelli -vs- Joseph Mamo noe**", Qorti tal-Kummerc, 10 ta' Mejju 1938; "**Guido Abela pro et noe -vs- Joseph Muscat et noe**", Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Ottubru 1947). Din il-gurisprudenza ghandha favur

taghha fost ohrajn l-awtorita` tal-**Giorgi** ("Obbligazioni" Vol. II pag. 48);

Fil-fehma tal-Qorti, u dan kuntrarjament ghall-atteggjament ta' opposizzjoni assunta mis-socjeta` konvenuta fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha, il-fattispeci ta' dan il-kaz ma jirrientrawx f'din il-kategorija ta' obbligazzjonijiet;

Is-socjeta` konvenuta ikkontrattat, jew ossija assumiet l-impenn, li tezegwixxi x-xoghol kollu ta' installazzjoni taz-zewg lifts f'terminu massimu ta' hdax (11) il gimgha mill-wasla taghhom f'Malta. Dn kif manifest fid-dokument datat 22 ta' April 1986 a fol. 6 tal-process;

B'argoment, issir referenza ghal dak ritenut minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Tenente Alfredo Falzon Sant Manduca -vs- Grazia Calleja**" (Vol. XXI P II p 60): "*Secondo la legge quando l'obbligazione e` di fare, e la convenzione stabilisce un termine, il debitore e` costituito in mora colla sola scadenza del termine stipulato ..."* Bran dan citat ukoll b'approvazzjoni fid-decizjoni "**Victor Cavallo *nomine* -vs- Peter Muscat Scerri *nomine***", Appell Kummercjali, 23 ta' Novembru 1994;

Enuncazzjoni din li tircievi akkoljiment ukoll fil-kaz hawn konsiderat;

Naturalment wiehed jissupponi illi t-terminu stipulat jew promess, indikanti z-zmien ghall-ezekuzzjoni, ghandu ragonevolment jigi interpretat fl-ambitu ta' xi cirkostanzi specjali li talvolta seta' jkun hemm. F'dan il-kaz dawn ic-cirkostanzi specjali ma jezistux jew ghallanqas ma ngiebet l-ebda prova dwarhom. Ghalhekk tibqa' ferma d-deduzzjoni gja maghmula illi s-socjeta` konvneuta ma adempietx l-obbligazzjoni taghha fiz-zmien prefiss. F'din is-sitwazzjoni ma trid taghmel l-ebda sforz ta' l-immaginazzjoni biex tiddikjara li fil-kuntratt bilaterali l-puntwalita` ta' l-ezekuzzjoni hi importanti daqs il-puntwalita` tal-pagament;

Kwantu ghal prova ta' l-allegazzjoni tas-sofferenza tad-danni in konsegwenza ghad-dewmien l-attur illimita ruhu fis-seduta tat-22 ta' Novembru 1993 (fol. 122) biex jghid li rceva lanjanzi minn xi operaturi li whud minnhom hassru l-*booking* u xi iehor zammlu 'l fuq minn elf lira Maltija (Lm1000). Il-promessa tieghu li jesebixxi statement tad-danni baqghet fl-arja u baqa' ma pproduca l-ebda dokument. Kien ghalhekk korrett il-perit legali jsostni li t-talba ghad-danni pretizi kienet insostenibbli fid-dritt gjaladarba din ma gietx sorretta minn ebda prova konkreta;

It-tentattiv ta' l-attur fin-Nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu (fol. 136) illi d-danni jezistu ghax issa rrizulta li l-lifts kien fihom nuqqasijiet u kienu funzjonalment deficjenti ma tistax titiehed bis-serjeta` dovuta;

Huwa sintomatiku minn dak li jinghad f'din in-Nota illi l-attur biddel sostanzjalment il-posizzjoni tieghu dwar id-danni. Dan ma huwiex accettabbli gjaladarba d-danni reklamati f'din l-azzjoni ghandhom rapport mal-fatt tad-dewmien u mhux mal-kwalita` operattiva tal-lifts infushom. L-inadempjenza allegata ghandha ness mar-ritard fl-ezekuzzjoni tax-xoghol. Dan kif premess u arginat fic-citazzjoni;

F'kwistjonijiet konsimili huwa difficli li wiehed japplika t-teorija ta' l-arbitriju u l-Qorti jkollha tiddeciedi "*iuxta allegata et probata*" fuq il-kwistjoni nsorta;

Ghall-istess motiv din il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta meta minn imkien mill-provi ma jirrizultaw l-allegati hsarat, hekk kwalifikati bhala "ingenti", ghal fatt ta' l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru mill-attur fil-konfront taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Domanda attrici u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta kienet fi htija ghad-dewmien fl-ezekuzzjoni ta' l-installar tal-lifts;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni u tat-Tielet Talbiet attrici gjaladarba rrizulta li x-xoghol tlesta fil-mori tal-kawza;

Tichad ir-Raba' u l-Hames Domandi ta' l-attur billi dan naqas milli jipprova d-danni minnu allegatament sofferti;

Tichad ukoll ghall-istess raguni u motiv il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta billi ma ressqet l-ebda provi dwar id-danni minnha pretizi.

L-ispejjez ta' l-ewwel tliet talbiet ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta. Dawk ta' l-ahhar zewg talbiet jibqghu a kariku ta' l-attur proprio et *nomine*. L-ispejjez tal-kontro-talba huma a kariku tas-socjeta` konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------